# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.134

## REGOLAMENTI DWAR IR-RIĊIKLAĠĠ TAL-KONTENITURI TAX-XORB

3 ta’ Lulju, 2020

*L-AVVIŻ LEGALI 311 tal-2020, kif emendat bl-Avviżi Legali 257 tal-2021 u 235 tal-2022.*

### TAQSIMA I
Preliminari

**1.** (1) It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ tal-Konteninturi tax-Xorb. Titolu u għan. *Emendat: A.L. 235 tal-2022.*

(2) L-għan ta’ dawn ir-regolamenti huwa li titjieb l-ekonomija ċirkolari billi jsiru dispożizzjonijiet għat-twaqqif u l-operat ta’ skema ta’ rifużjoni għall-konteninturi tax-xorb, it-titjib tal-ġbir u r-riċiklaġġ tal-konteninturi tax-xorb, iż-żieda fl-isforzi nazzjonali ta’ riċiklaġġ, it-tnaqqis tal-iskart u t-twettiq tal-għanijiet tal-Att.

(3) L-għan ta’ dawn ir-regolamenti hu li jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u l-Artikolu 8(2) u (4) u l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju tal-2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta’ ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, dwar konteninturi tax-xorb, u d-dispożizzjonijet ta’ dawn ir-regolamenti, ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart u r-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss għandhom jiġu applikati u interpretati kif xieraq. L.S. 549.43. L.S. 549.149.

(4) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jeżentaw lill-produtturi li jqiegħdu xarbiet f’konteninturi fis-suq, mill-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart għal xi xorb jew konteninturi tax-xorb jew forom oħra ta’ imballaġġ li mhumiex koperti minn dawn ir-regolamenti. L.S. 549.43.

**2.** (1) F’dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’ oħra: Tifsir. *Emendat: A.L. 257 tal-2021.*

"Aġenzija" tfisser Ekonomija Ċirkulari Malta mwaqqfa permezz tal-Ordni li jwaqqaf l-Ekonomija Ċirkulari Malta; L.S. 595.28.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi mwaqqfa taħt l-artikolu 6 tal-Att u tinkludi kull korp jew persuna oħra li taġixxi f’isimha bis-saħħa tas-setgħat iddelegati mill-Awtorità skont l-Att;

"*barcode*" tfisser il-*global trade item number* (GTIN), l-*international article number* (EAN) jew il-*quick response code* (QR) għall-xarba f'kontenitur tax-xorb;

L.S. 441.07.

"bejjiegħ bl-imnut" tfisser kull persuna li tagħmel disponibbli fis-suq xarbiet f'kontenituri tax-xorb fil-livell tal-bejgħ bl-imnut lil konsumaturi fit-territorju, u tinkludi bejjiegħa fit-toroq, kif definiti fir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ;

"*clearing centre*" tfisser iċ-ċentru operat mill-operatur fejn il-kontenituri tax-xorb miġbura jiġu trażmessi minn postijiet ta' skambju għall-irċevuta u l-ipproċessar finali għall-finijiet ta' riċiklaġġ;

"depożitu" tfisser id-depożitu li għandu jitħallas max-xiri ta' xarba f'kontenitur tax-xorb impost skont ir-regolamenti 15 u 21 rispettivament, liema depożitu għandu jkun ta' valur li ma jkunx inqas minn dak il-valur indikat fit-Tielet Skeda;

"distributur" tfisser kull persuna li tagħmel disponibbli fis-suq xarbiet f'kontenituri tax-xorb fuq livell bl-ingrossa lil persuna oħra;

"ftehim ta' liċenzjar" tfisser il-ftehim bejn l-Aġenzija u l-operatur skont is-subregolament (4) tar-regolament 4;

"ġbir" tfisser il-ġbir ta' kontenituri tax-xorb vojta, inklużi s-separazzjoni preliminari u l-ħżin preliminari tagħha, għall-għanijiet tat-trasport lejn il-*clearing centre* skont it-Taqsima III jew għal għand produttur ta' xorb li jqiegħed, jew li għandu l-ħsieb li jqiegħed, kontenituri li jerġgħu jimtlew fis-suq skont it-Taqsima IV, u "miġbura" għandha tiġi interpretata skont dan;

"impriża tal-*catering*" tfisser kull persuna li tagħmel disponibbli xorb f'kontenituri tax-xorb fis-suq fi ħdan ta' stabbiliment tal-*catering*;

"isir disponibbli fis-suq" tfisser kull forma ta' provvista ta' xarba, f'kontenitur tax-xorb għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq f'kontenituri ġewwa t-territorju matul attività kummerċjali, kemm jekk isir bi ħlas kif ukoll jekk isir mingħajr ħlas u "għamel disponsibbli" għandha tiġi interpretata skont dan;

L.S. 595.28.

"Kap Eżekuttiv" tfisser il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija mwaqqaf permezz tal-artikolu 6 tal-Ordni li jwaqqaf Ekonomija Ċirkulari Malta;

"katina ta' provvista" tfisser il-katina ta' provvista ta' xarba mill-produttur għall-konsumatur;

"konsumatur" tfisser kull persuna li takkwista, kemm jekk b'xejn kemm jekk bi ħlas, xarba f'kontenitur tax-xorb għall-konsum;

"kontenitur li jista' jerġa' jimtela" tfisser kontenitur tax-xorb li fir-rigward tiegħu hemm sistema fis-seħħ fit-territorju sabiex jerġa'

jintuża, fejn il-produttur ikun kiseb eżenzjoni mill-Iskema f'termini tar-regolament 19;

"kontenitur tax-xorb" tfisser kull kontenitur ta' xi xarba li huwa ta' tip elenkat fit-Tieni Skeda;

"kontenitur li jintuża darba biss" huwa kontenitur tax-xorb li mhuwiex kontenitur li jista' jerġa' jimtela;

"kontribuzzjoni ambjentali" tfisser tali kontribuzzjoni li persuna għandha tħallas lill-Aġenzija skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas taħt dawn ir-regolamenti biex ittaffi l-ħsara lill-ambjent;

"post ta' skambju" tfisser post fejn il-kontenituri tax-xorb għandhom jiġu ritornati għal finijiet ta' ġbir, kif speċifikat fir-regolament 18, u tinkludi post fejn jitqiegħed RVM;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"operatur" tfisser il-persuna liċenzjata mill-Aġenzija biex topera l-Iskema skont ir-regolament 4;

"produttur" tfisser kull persuna li timporta, tqiegħed fil-fliexken, jew fil-laned, jew timla b'xi mod ieħor xarbiet f'kontenituri tax-xorb maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq fit-territorju, irrispettivament mit-teknika tal-mili jew tal-importazzjoni użata, u irrispettivament minn kif jitqiegħed fis-suq il-kontenitur tax-xorb, inkluż:

(a) it-tqegħid fis-suq permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur; u L.S. 378.17.

(b) it-tqegħid fis-suq direttament lid-djar privati jew lil konsumaturi oħra li mhumiex djar privati, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fir-regolament 2 fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur; L.S. 378.17.

"riċiklaġġ" tfisser l-ipproċessar mill-ġdid fi proċess ta' produzzjoni tal-kontenituri tax-xorb għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħra inkluż ir-riċiklaġġ organiku iżda eskluż l-irkupru ta' l-enerġija;

"RVM" tfisser *automated reverse vending machine with compaction* li tirrimborża l-valur tad-depożitu lill-konsumaturi;

"Skema" tfisser is-sistema stabbilita mit-Taqsima III għat-twaqqif u t-tħaddim ta' sistema ta' rifużjoni għall-kontenitur tax-xorb;

"stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut" tfisser stabbiliment imħaddem minn bejjiegħ bl-imnut;

"stabbiliment tal-*catering*" tfisser stabbiliment li jipprovdi servizzi ta' ospitalità u ikel fit-territorju fejn ix-xarbiet f'kontenituri

tax-xorb huma kkunsmati mill-konsumaturi;

"territorju" tfisser Malta kif imfissra fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"tqegħid fis-suq" tfisser meta xarba f'kontenitur tax-xorb issir disponibbli għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju, u "qiegħed fis-suq" għandha tiġi interpretata skont dan;

"użu mill-ġdid" tfisser kull operazzjoni li biha kontenitur tax-xorb, li jkun ġie maħsub u ddisinjat biex iwettaq fiċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu għadd minimu ta' vjaġġi jew rotazzjonijiet, jimtela mill-ġdid jew jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub, bl-appoġġ jew mingħajr l-appoġġ ta' prodotti awżiljarji preżenti fis-suq li jippermettu li l-kontenitur tax-xorb jerġa' jimtela u dan il-kontenitur tax-xorb li jintuża mill-ġdid isir skart tal-imballaġġ meta ma jibqax soġġett aktar għall-użu mill-ġdid;

"xarba" tfisser xi waħda mix-xarbiet elenkati fl-Ewwel Skeda.

(2) Kull terminu jew espressjoni oħra użati f'dawn ir-regolamenti li huma definiti fl-artikolu 2 tal-Att għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-imsemmi artikolu, sakemm ma jkunx mod ieħor espressament definit f'dawn ir-regolamenti jew sakemm il-kuntest jitlob mod ieħor.

## TAQSIMA II
## Liċenzja għall-operat tal-Iskema

Liċenzja għall-operat ta' skema ta' rifużjoni ta' kontenituri tax-xorb.

**3.** Ebda persuna ma tista' twaqqaf, tħaddem u topera xi sistema ta' rifużjoni għall-kontenituri tax-xorb ħlief skont liċenzja maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Applikazzjoni għal liċenzja.

**4.** (1) Kull applikazzjoni għall-għoti ta' liċenzja għandha ssir lill-Aġenzija u għandu jkun fiha tali informazzjoni, dokumenti u materjal ieħor kif stabbilit mill-Aġenzija.

(2) L-Aġenzija għandha toħroġ liċenzja lil organizzazzjoni mhux governattiva biex topera l-Iskema madwar it-territorju kollu mingħajr ma tillimita ruħha għal dawk il-lokalitajiet fejn il-ġbir huwa l-aktar vantaġġuż:

Iżda l-organizzazzjoni għandha tkun persuna ġuridika li l-azzjonisti tagħha jekk kumpanija, jew is-soċji tagħha jekk soċjetà, jew il-membri tagħha jekk assoċjazzjoni, jew il-fundaturi tagħha jekk fondazzjoni, huma, jew direttament jew indirettament, produtturi, u bejjiegħa bl-imnut, u fejn l-imsemmija azzjonisti, soċji, membri jew fundaturi, skont il-każ, jirrappreżentaw, direttament jew indirettament, bħala minimu, dawk il-produtturi u bejjiegħa bl-imnut li jqiegħdu fis-suq il-maġġoranza tal-kontenituri tax-xorb jintużaw darba biss.

(3) Fin-nuqqas ta' organizzazzjoni skont is-subregolament (2), l-Aġenzija għandha teżerċita s-setgħat kollha li jistgħu jkunu meħtieġa jew spedjenti, għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Iskema skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, biex tagħżel u toħroġ liċenzja lil operatur alternattiv permezz ta' offerta kompetittiva.

(4) Il-liċenzja għandha tipprovdi lill-operatur bid-dritt, u timponi l-obbligu konkomitanti, li topera l-Iskema, kif previst fi ftehim li għandu jsir bejn l-Aġenzija u l-operatur:

Iżda xejn fil-ftehim ta' liċenzjar ma għandu jkun kontra dawn ir-regolamenti.

(5) Xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jiġi interpretat li jeżenta lill-operatur milli jikkonforma mar-rekwiżiti ta' xi leġiżlazzjoni oħra.

Sospensjoni jew revoka ta' liċenzja.

**5.** (1) L-Aġenzija tista' tissospendi liċenzja għal tali perjodi li tista' tiddetermina, jew tirrevoka jew tvarja d-dispożizzjonijiet ta' kull tali liċenzja.

(2) Is-setgħat mogħtija lill-Aġenzija f'termini tas-subregolament (1) għandhom ikunu eżerċitati biss f'dawn iċ-ċirkostanzi, meta:

(a) tkun saret bidla materjali fiċ-ċirkostanzi li taffettwa sostanzjalment it-twettiq tar-rekwiżiti stipulati fir-regolament 4;

(b) il-ftehim ta' liċenzjar jiġi terminat jew sospiż, skont il-każ, skont it-termini tiegħu; jew

(ċ) ir-rekwiżiti fir-rigward tal-liċenzja, kif stabbiliti fir-regolamenti 4 u 7 ma jkunux ġew imħarsa.

Terminu u tiġdid tal-liċenzja.

**6.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-liċenzja mogħtija mill-Aġenzija għandha, sakemm ma tkunx imġedda jew revokata qabel, tibqa' valida sa dak iż-żmien li tiġi mġedda mill-Aġenzija wara spezzjoni.

(2) L-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-perjodu ta' validità tal-liċenzja:

Iżda dan il-perjodu ma għandux ikun itwal minn tnax (12)-il sena.

(3) Wara l-ispezzjoni msemmija fis-subregolament (1), l-Aġenzija:

(a) tista' ġġedded il-liċenzja, b'modifiki jew mingħajrhom, għal perjodu ulterjuri kif speċifikat; jew

(b) jekk, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet

ta' dawn ir-regolamenti, hija tqis li jkun meħtieġ jew xieraq li jsir hekk, tista' għal ksur serju għal raġunijiet li għandhom jingħataw bil-miktub, tirrifjuta li ġġedded il-liċenzja.

Responsabbiltajiet tal-operatur liċenzjat.

**7.** (1) L-operatur liċenzjat għandu jissodisfa wkoll l-obbligi li ġejjin:

(a) huwa persuna ġuridika li l-għan prinċipali tiegħu huwa l-operazzjoni tal-Iskema skont dawn ir-regolamenti, u dawk l-affarijiet l-oħra kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-kisba tal-istess oġġett u t-twettiq ta' attivitajiet oħra li jistgħu jiġu awtorizzati mill-Aġenzija;

(b) huwa mmexxi fuq bażi mhux għall-profitt, jew fuq bażi fejn il-profitt mhuwiex maħsub għad-distribuzzjoni;

(ċ) il-ġestjoni tiegħu tkun indipendenti u topera fuq bażi *arms' length* mill-azzjonisti, mis-soċji, mill-membri jew mill-fundaturi tiegħu skont kif ikun il-każ;

(d) jassumi r-responsabbiltà estiża tal-produttur kollettiva f'isem il-produtturi u l-bejjiegħa ta' kontenituri li jintużaw darba biss; u

(e) jippermetti għall-parteċipazzjoni, direttament jew indirettament, tal-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut kollha b'mod mhux diskriminatorju, irrispettivament mill-oriġini jew id-daqs tagħhom, mingħajr ma jitqiegħed piż regolatorju sproporzjonat fuq il-produtturi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti.

(2) Għandu jkun id-dmir tal-operatur li jinnotifika minnufih lill-Aġenzija jekk ma jibqax jikkonforma ma' xi wieħed mir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti. Sew jekk l-operatur jinnotifika lill-Aġenzija, u sew jekk le, fejn l-operatur ma jkunx għadu konformi ma' xi wieħed mir-rekwiżiti elenkati f'dawn ir-regolamenti, l-Aġenzija għandha, permezz ta' avviż, tinforma lill-operatur li ma għadux konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u, jekk is-sitwazzjoni ma tiġix rimedjata b'mod li jissodisfa lill-Aġenzija fi żmien tliet (3) xhur kalendarji mid-data li fiha jingħata l-avviż lill-operatur, l-Aġenzija tkun intitolata li tirrevoka l-liċenzja.

(3) Għandu jkun ukoll id-dmir tal-operatur li jinnotifika minnufih lill-Aġenzija b'kull riżoluzzjoni jew riżoluzzjoni maħsuba, jew kull applikazzjoni jew applikazzjoni maħsuba lill-qorti, jew kull azzjoni oħra, għax-xoljiment u l-istralċ tal-operatur malli jsir jaf b'tali riżoluzzjoni jew riżoluzzjoni maħsuba, jew l-applikazzjoni jew l-applikazzjoni maħsuba, jew l-azzjoni.

(4) Fil-każ li qorti tordna li l-operatur jiġi stralċjat jew tgħaddi riżoluzzjoni għal stralċ volontarju tal-operatur, għandu jkun

id-dmir tal-operatur li jinnotifika lill-parteċipanti kollha fl-Iskema fejn jinforma lill-imsemmija parteċipanti li l-obbligi tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-kontenituri tax-xorb irreġistrati mal-Iskema ma jkunux jibqgħu jiġu milqugħha mill-operatur.

Il-funzjonijiet u s-setgħat tal-operatur.
*Emendat: A.L. 235 tal-2022.*

**8.** (1) Mingħajr preġudizzju għal xi funzjoni oħra imposta fuq l-operatur fit-termini tal-ftehim ta' liċenzjar, l-operatur għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:

(a) jżomm u jagħmel disponibbli reġistru relatat mal-parteċipanti tal-Iskema;

(b) jistabbilixxi u jopera *clearing centre*;

(ċ) iforni u jopera RVMs;

(d) jerfa' r-responsabbiltà għall-kontenituri kollha li jintużaw darba biss li ġew miġbura;

(e) jistabbilixxi u jipprovdi s-soluzzjoni tal-IT u l-infrastruttura meħtieġa biex jissorveljaw u jikkontrollaw l-operazzjonijiet ta' kull post ta' skambju;

(f) jagħmel arranġamenti biex jinġabru l-kontenituri li jintużaw darba biss mill-postijiet ta' skambju għall-*clearing centre*;

(g) jbiegħ il-kontenituri tax-xorb ipproċessati kollha bħala materjal riċiklabbli, direttament u/jew permezz ta' entità awtorizzata, u jipprovdi lill-Aġenzija b'dokumentazzjoni għal dan il-għan sabiex il-materjal imsemmi jgħodd għall-miri ta' riċiklaġġ ta' Malta;

(h) iwettaq akkwisti b'mod li jkun trasparenti u mhux diskriminatorju;

(i) jistabbilixxi u jipprovdi s-soluzzjonijiet u l-infrastruttura meħtieġa biex jissorvelja l-Iskema, u li jirrapporta kull irregolarità lill-Aġenzija;

(j) iżomm u jopera kont separat għar-rifużjoni ta' depożiti li jirreġistra l-movimenti finanzjarji kollha tad-dħul u tal-pagamenti tad-depożiti, skont ir-regolament 10;

(k) jiffinanzja u jipparteċipa f'kampanji pubbliċi determinati mill-operatur biex jiġi żgurat is-suċċess tal-Iskema; u

(l) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, ikopri l-ispejjeż li ġejjin għall-kontenituri tax-xorb elenkati fit-Tieni Skeda li huma kkunsidrati bħala prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss kif imfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, sakemm mhux diġà inklużi, sal-31 ta' Diċembru 2024:

L.S. 549.141.
L.S. 549.149.

L.S. 549.149. (i) l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu għarfien imsemmija fir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

L.S. 549.149. (ii) l-ispejjeż għall-ġbir tal-iskart kif imfisser fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart għal dawk il-prodotti mormija f'sistemi ta' ġbir pubbliċi, inkluż l-infrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' dak l-iskart;

(iii) l-ispejjeż sabiex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn dawk il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' dak ir-rimi bl-addoċċ:

Iżda l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx jaqbżu l-ispejjeż li huma meħtieġa sabiex jiġu pprovduti s-servizzi msemmija fihom b'mod kostefficjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-Aġenzija, l-operatur u kwalunkwe atturi oħrajn ikkonċernati:

Iżda wkoll l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ għandhom ikunu limitati għal attivitajiet imwettqa minn awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Aġenzija. Il-metodoloġija tal-kalkolu għandha tiġi żviluppata b'mod li tippermetti li l-ispejjeż sabiex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ jiġu stabbiliti b'mod proporzjonat. Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż amministrattivi, il-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtorità u l-Aġenzija, jista' jiddetermina kontribuzzjonijiet finanzjarji lejn l-ispejjeż tat-tindif tar-rimi bl-addoċċ billi jistabbilixxi ammonti fissi pluriennali xierqa.

(2) Malli jerġgħu lura għal post ta' skambju, kontenituri li jintużaw darba biss għandhom isiru proprjetà tal-operatur li għandu jkun intitolat li jżomm id-dħul mill-bejgħ tal-materjal minn kontenituri li jintużaw darba biss miġbura.

Miri. **9.** L-operatur għandu jkun marbut li jieħu l-miżuri kollha li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ta' ġbir stabbiliti fil-Ħames Skeda u għandu jwettaq l-isforzi għar-riċiklaġġ biex jilħaq bħala minimu l-miri ta' riċiklaġġ kif stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, applikabbli minn żmien għal żmien, fir-rigward tat-tip ta' materjali li

minnhom ikunu magħmula l-kontenituri tax-xorb taħt dawn ir-regolamenti.

Kont għar-rifużjoni ta' depożiti separat.

**10.** (1) L-operatur għandu jżomm u jopera kont separat għar-rifużjoni ta' depożiti, li jirreġistra l-movimenti finanzjarji kollha tal-irċevuti u l-pagamenti tad-depożitu mill-operatur. Il-valur ta' depożitu impost fuq kull kontenitur li jintuża darba biss mqiegħed fis-suq u mħallas minn produtturi f'termini tar-regolament 15 għandu jitqiegħed fil-kont għar-rifużjoni ta' depożiti. Ir-rifużjonijiet tal-valur tad-depożitu f'termini tar-regolament 16 għandhom isiru mill-kont għar-rifużjoni ta' depożiti.

(2) L-ammont ta' kull depożitu li ma jiġix mitlub lura li jirriżulta fi tmiem is-sena finanzjarja tal-operatur għandu jiġi meqjus bħala dħul tal-operatur iżda:

(a) l-operatur għandu l-ewwel jagħmel biżżejjed provvediment biex jissodisfa kull talba għal depożiti li jistgħu jitħallsu fil-futur u għal kull ammont dovut lill-Aġenzija għas-sena finanzjarja relattiva; u

(b) l-operatur għandu juża l-bqija għall-ġestjoni u l-operat aħjar tal-Iskema.

Kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fl-Iskema.

**11.** (1) L-operatur għandu jkun intitolat li jistabbilixxi kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-Iskema mill-produtturi, id-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u l-impriżi tal-*catering*. Meta jagħmel dan, l-operatur għandu jiżgura illi kull kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fl-Iskema tkun oġġettiva, mhux diskriminatorja, ġusta u raġonevoli.

(2) L-operatur għandu jissottometti lill-Aġenzija kull kondizzjoni għar-reġistrazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-Iskema msemmija fis-subregolament (1), jew kull tibdil fihom, għall-approvazzjoni tal-Aġenzija qabel ma jiġu implimentati:

Iżda jekk ma tasal l-ebda tweġiba mill-Aġenzija fi żmien tletin (30) jum mis-sottomissjoni, il-kondizzjonijiet hekk sottomessi għandhom jitqiesu li ġew approvati mill-Aġenzija.

(3) L-Aġenzija tista' titlob lill-operatur biex jemenda kondizzjoni stabbilita f'termini tas-subregolamenti (1) u (2), iżda qabel ma titlob lill-operatur sabiex ibiddel xi kondizzjoni kif intqal, l-Aġenzija għandha tikteb lill-operatur fejn tinfurmah bl-oġġezzjonijiet tagħha għal xi kondizzjoni hekk imposta, u tagħti lill-operatur perjodu ta' mhux inqas minn tletin (30) jum, kif l-Aġenzija tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi, li matulu l-operatur jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Aġenzija jew jidħol f'diskussjoni mal-Aġenzija skont il-każ.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2) u (3) ma għandhomx ikunu applikabbli għad-drittijiet ta' reġistrazzjoni imposti

skont is-subregolamenti (3) u (5) tar-regolament 13, jew għad-drittijiet amministrattivi imposti skont is-subregolament (4) tar-regolament 13 u s-subregolament (1) tar-regolament 17, jew għad-drittijiet tat-tmexxija imposti skont is-subregolament (3) tar-regolament 18.

Skambju ta' informazzjoni bejn l-operatur u l-Aġenzija.

**12.** (1) Sabiex l-Aġenzija u l-operatur ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom taħt dawn ir-regolamenti, u strettament sal-punt meħtieġ għal dan il-għan, l-operatur għandu jaqsam u jiskambja informazzjoni mal-Aġenzija, u l-Aġenzija u l-operatur għandhom jikkollaboraw ma' xulxin.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), l-operatur għandu:

(a) jippreżenta l-kontijiet tal-ġestjoni annwali tiegħu u l-kontijiet annwali tiegħu vverifikati minn awditur fuq bażi annwali lill-Aġenzija;

(b) jippreżenta d-dikjarazzjonijiet verifikati tiegħu dwar l-operat tal-kont għar-rifużjoni ta' depożiti fuq bażi annwali;

(ċ) jibgħat rapporti lill-Aġenzija fuq bażi trimestrali u f'kull każ sa mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il jum mit-tmiem ta' kull trimestru b'informazzjoni dwar il-volumi aggregati skont it-tipoloġija ta' kontenituri li jintużaw darba biss imqiegħda fuq u miġbura mis-suq u l-materjal tal-kontenituri tax-xorb vojt ipproċessati għar-riċiklaġġ;

(d) jipprovdi lill-Aġenzija b'informazzjoni fil-pussess tiegħu li hija meħtieġa mill-Aġenzija bil-għan li tħejji r-rapport imsemmi fir-regolament 36; u

(e) jipprovdi lill-Aġenzija b'informazzjoni dettaljata fejn din tkun meħtieġa għall-Aġenzija biex tinforza d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI:

Iżda dawn ir-rapporti għandhom jiġu trasmessi skont formoli standardizzati.

(3) L-operatur għandu jibgħat informazzjoni lill-Pulizija Eżekuttiva, lill-Kummissarju tat-Taxxi, lid-Direttur Ġenerali (Dwana), lid-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) u lil kull awtorità kompetenti oħra, kif u meta dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità ma' xi liġi.

TAQSIMA III
L-Iskema

**13.** (1) Produtturi, distributuri, bejjiegħa bl-imnut u impriżi tal-*catering* li jagħmlu disponibbli, jew li bi ħsiebhom jagħmlu disponibbli fis-suq, xi kontenitur tax-xorb għandhom jirreġistraw mal-operatur liċenzjat billi jipprovdu lill-operatur liċenzjat id-dettalji kollha li jista' jeħtieġ għall-finijiet tal-operazzjoni tal-Iskema minn żmien għal żmien inkluż, iżda mhux limitat għal: Reġistrazzjoni.

(a) id-dettalji tal-produttur, id-distributur, il-bejjiegħ bl-imnut jew l-impriża tal-*catering* kif applikabbli; u

(b) fil-każ ta' produttur, il-*barcode* u kull dettall ieħor pertinenti għal kull kontenitur tax-xorb imqiegħed jew li se jitqiegħed fis-suq, u kull marki speċifiċi maħsuba għall-finijiet ta' identifikazzjoni tal-kontenitur tax-xorb, kif ukoll indikazzjoni dwar jekk il-logo tad-depożitu msemmi fir-regolament 17 ikunx se jitwaħħal fuq il-kontenitur tax-xorb:

Iżda, jekk persuna titlob reġistrazzjoni bħala impriża tal-*catering*, dik il-persuna trid turi għas-sodisfazzjon tal-operatur li x-xorb jiġi kkunsmat fil-fond operat minn dik il-persuna. Jekk fl-opinjoni tal-operatur il-persuna ma tikkwalifikax bħala impriża tal-*catering* u, jew, stabbiliment tal-*catering*, l-operatur ikollu l-awtorità li jirrifjuta r-reġistrazzjoni bħala tali:

Iżda wkoll, jekk fil-każ ta' rifjut ta' reġistrazzjoni bħala impriża tal-*catering* hekk kif imsemmi qabel, il-persuna tista' tissottometti l-kwistjoni lill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha minnufih titlob lill-operatur sabiex jagħti r-raġunijiet tiegħu għar-rifjut tar-reġistrazzjoni tal-persuna bħala impriża tal-*catering* f'perjodu ta' żmien speċifikat mill-Aġenzija, li fl-ebda każ ma għandu jkun inqas minn jumejn (2) ta' xogħol jew aktar minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol. L-Aġenzija għandha tiddeċiedi l-kwistjoni fi żmien tletin (30) jum mis-sottomissjoni tat-talba kif imsemmi qabel. L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-persuna li tissottometti t-talba u lill-operatur bid-deċiżjoni tagħha.

(2) Meta jirreġistra mal-operatur liċenzjat f'termini tas-subregolament (1):

(a) persuna li topera fil-katina ta' provvista f'aktar minn funzjoni waħda, għandha tirreġistra debitament mal-operatur għal kull funzjoni bħala produttur u, jew distributur u, jew bejjiegħ bl-imnut, u, jew impriża tal-*catering*, skont il-każ;

(b) bejjiegħ bl-imnut li jopera aktar minn stabbiliment wieħed tal-bejgħ bl-imnut għandu jirreġistra kull stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut; u

(ċ) impriża tal-*catering* li topera aktar minn stabbiliment tal-*catering* wieħed għandha tirreġistra kull stabbiliment tal-*catering*.

(3) Il-produtturi, id-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u l-impriżi tal-*catering* għandhom iħallsu lill-operatur id-drittijiet ta' reġistrazzjoni li l-operatur jista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) tar-regolament 11, jistabbilixxi minn żmien għal żmien. L-operatur għandu jkun intitolat li jitlob drittijiet ta' reġistrazzjoni mill-produttur, id-distributur, il-bejjiegħ bl-imnut u l-impriża tal-*catering* f'kull funzjoni reġistrata, għal kull stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut u kull stabbiliment tal-*catering* irreġistrat, kif ukoll għal kull *barcode* reġistrata mal-operatur.

(4) L-operatur liċenzjat jista' jitlob ħlas ta' dritt amministrattiv mingħand il-produtturi għal kull kontenitur tax-xorb imqiegħed fis-suq.

(5) Fil-każ li l-forma, il-materjal, il-volum jew it-tip ta' kontenitur tax-xorb li hija rreġistrata f'termini ta' dan ir-regolament tinbidel, il-produttur għandu jinforma lill-operatur liċenzjat b'tali tibdil qabel ma jqiegħed ix-xarba f'kontenitur tax-xorb mibdul fis-suq, anke jekk il-*barcode* tax-xarba tibqa' l-istess, u l-produttur għandu jipprovdi lill-operatur bid-dettalji kollha li l-operatur jista' jitlob, u jħallas lill-operatur kull dritt stabbilit mill-operatur minn żmien għal żmien.

(6) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (7), il-produttur, id-distributur, il-bejjiegħ bl-imnut jew l-impriża tal-*catering* reġistrat mal-operatur liċenzjat għandu jiżgura li d-dettalji rreġistrati mal-operatur ikunu korretti f'kull ħin.

(7) Fejn produttur irreġistrat mal-operatur jikseb sussegwentement eżenzjoni mill-parteċipazzjoni fl-Iskema skont ir-regolament 19, il-produttur għandu jinforma lill-operatur b'dan u l-operatur għandu jneħħi r-reġistrazzjoni tal-produttur, il-*barcodes* u l-konteNituri tax-xorb relattivi.

(8) Fejn produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* jkollu l-intenzjoni li jwaqqaf l-operazzjonijiet tiegħu fis-suq tax-xorb, jew fejn produttur għandu l-intenzjoni li jieqaf iqiegħed fis-suq xorb partikolari, għandu jinforma lill-operatur liċenzjat b'dan.

(9) Kull produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* li jqiegħed u, jew, jagħmel disponibbli fis-suq xarbiet mibjugħa f'kontenituri tax-xorb li jonqos milli jimxi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament huwa ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Parteċipazzjoni.

**14.** (1) Kull produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* reġistrat f'termini tar-regolament 13 għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni fl-Iskema kif stabbilit mill-operatur liċenzjat minn żmien għal żmien skont ir-regolament 11.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), il-produtturi, id-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u l-impriżi tal-*catering* huma marbuta li jirrapportaw lill-operatur liċenzjat l-informazzjoni li ġejja:

(a) fil-każ ta' produtturi, il-volumi skont il-kwantità u l-piż skont it-tipoloġija ta' kontenituri li jintużaw darba biss li jitqiegħdu fis-suq, b'referenza għall-*barcode* rilevanti u għal kull marki speċifiċi;

(b) fil-każ ta' bejjiegħa bl-imnut u impriżi tal-*catering*, fuq talba tal-operatur liċenzjat u jekk ikun meħtieġ għat-tħaddim tajjeb tal-Iskema, dokumentazzjoni relatata mal-fatturazzjoni ta' xarbiet f'kontenituri tax-xorb u kull informazzjoni relatata; u

(ċ) fil-każ ta' produtturi u distributuri, fuq talba tal-operatur liċenzjat, u jekk ikun meħtieġ għat-tħaddim tajjeb tal-Iskema u sa fejn ikun hekk meħtieġ, id-dettalji tal-persuni li lilhom jinbiegħu, jitqassmu jew jiġu trasferiti xarbiet f'kontenituri li jintużaw darba biss:

Iżda, il-produtturi, id-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u l-impriżi tal-*catering* huma obbligati li jipprovdu l-informazzjoni mitluba f'termini tal-paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (2) fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu t-talba għall-informazzjoni.

(3) Produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* li jonqos milli jimxi mal-obbligi ta' parteċipazzjoni fl-Iskema f'termini tas-subregolamenti (1) u (2) għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(4) L-operatur liċenzjat għandu jipprovdi numru ta' reġistrazzjoni lil kull produttur li jkun debitament irreġistrat f'termini tar-regolament 13. Il-produtturi għandhom jagħmlu n-numru ta' reġistrazzjoni viżibbli b'mod ċar fuq il-fatturi u l-irċevuti fiskali tagħhom. Il-produtturi li jonqsu milli jimxu mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Depożitu għal kontenituri li jintużaw darba biss.

**15.** (1) Kull kontenitur li jintuża darba biss li jkun disponibbli fis-suq għandu jkun soġġett għall-ħlas ta' depożitu. Il-valur tad-depożitu ma għandux ikun soġġett għall-VAT u għandu jkun indikat separatament mill-prezz fuq l-irċevuti u l-fatturi kollha f'kull stadju tal-katina tal-provvista.

(2) Id-depożitu msemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi impost u mħallas f'kull stadju tal-katina tal-provvista.

(3) Id-depożitu għandu jkun dovut mill-produttur lill-operatur liċenzjat meta l-produttur jqiegħed il-kontenitur li jintuża darba biss fis-suq. Id-drittijiet amministrattivi, jekk ikun hemm, għandhom ikunu dovuti fl-istess ħin.

(4) Il-produtturi għandhom jitolbu lura l-valur sħiħ tad-depożitu mal-bejgħ 'il quddiem tax-xarba lis-suċċessur tagħhom fil-katina tal-provvista, iżda ma għandu jkollhom l-ebda pretensjoni għal xi parti mid-drittijiet amministrattivi.

(5) Id-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u l-impriżi tal-*catering* għandhom iħallsu l-valur tad-depożitu lill-predeċessur tagħhom fil-katina tal-provvista.

(6) Id-distributuri għandhom jitolbu lura l-valur tad-depożitu mis-suċċessuri fil-katina tal-provvista.

(7) Il-bejjiegħa bl-imnut għandhom jitolbu lura l-valur tad-depożitu mill-konsumatur li għandu jkun intitolat jitlob il-valur tad-depożitu f'termini tas-subregolament (1) tar-regolament 16. Impriżi tal-*catering* għandhom jitolbu l-valur tad-depożitu lura mingħand il-konsumatur biss fejn il-konsumatur ineħħi l-kontenitur tax-xorb mill-istabbbiliment tal-*catering*.

(8) Impriżi tal-*catering* ma għandhomx jitolbu ħlas tal-ammont tad-depożitu lill-konsumatur li jikkonsma x-xorb fl-istabbiliment tal-*catering* u jħalli l-kontenitur tax-xorb fl-istabbiliment tal-*catering*, iżda għandhom ikunu intitolati jitolbu l-valur tad-depożitu f'termini tar-regolament 16.

(9) L-operatur liċenzjat għandu jirrimborża lill-bejjiegħa bl-imnut li jipprovdu postijiet ta' skambju l-valur tad-depożiti li jkunu taw lura mar-ritorn ta' kontenituri li jintużaw darba biss, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-post ta' skambju jkun operat direttament mill-operatur f'liema każ il-valur tad-depożiti għandu jiġi mħallas lura direttament mill-operatur liċenzjat.

Rifużjoni tal-valur tad-depożitu.

**16.** (1) Kull persuna, inkluż konsumatur, li tirritorna kontenitur li jintuża darba biss li fuqu jkun tħallas depożitu għandha tkun intitolata għal rifużjoni tad-depożitu mill-post ta' skambju. L-operatur liċenzjat jista' joħroġ istruzzjonijiet minn żmien għal żmien rigward ir-ritorn ta' kontenituri li jintużaw darba biss, b'mod partikolari biex jiffaċilita r-ritorn ta' kwantitajiet kbar ta' kontenituri li jintużaw darba biss:

Iżda l-ebda rifużjoni ma għandha tkun dovuta jekk:

(a) il-*barcode* u, jew, jekk ikun hemm, marki speċifiċi, tal-kontenitur tax-xorb vojt li ma jkunx debitament irreġistrat mal-operatur; jew

(b) il-*barcode*, u, jew, jekk ikun hemm, il-marki speċifiċi tal-kontenitur tax-xorb jew tal-logo tad-depożitu jkollhom tant ħsara li r-rifużjoni għall-kontenitur tax-xorb vojt ma tkunx tista' tiġi pproċessata; jew

(ċ) il-kontenitur tax-xorb ikollu tant ħsara li r-rifużjoni għall-kontenitur tax-xorb vojt ma tkunx tista' tiġi pproċessata; jew

(d) il-kontenitur tax-xorb vojt fih jew huwa kontaminat b'xi mod ieħor b'xi sustanza għajr ir-residwu tax-xarba jew trab ordinarju; jew

(e) ikunu għaddew aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar minn meta l-kontenitur tax-xorb ġie akkwistat mill-konsumatur.

(2) Vawċers għar-rifużjoni tad-depożiti li, għal kwalunkwe raġuni, ma jiġux mifdija fi żmien tnax (12)-il xahar mid-data tal-ħruġ, jiġu meqjusa bħala dħul tal-operatur.

(3) Kull post ta' skambju għandu jkollu avviż viżibbli u leġibbli b'mod ċar li jkun fih l-informazzjoni indikata fis-subregolament (1). L-operatur liċenzjat għandu jiddetermina l-ispeċifikazzjonijiet u l-kliem preċiż tal-avviż li għandu jintwera għal dawn l-għanijiet.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet preċedenti, l-operatur liċenzjat għandu joħroġ struzzjonijiet lill-impriżi tal-*catering* rigward ir-ritorn ta' kontenituri li jintużaw darba biss kkunsmati fl-istabbilimenti tal-*catering*, u r-rifużjoni mill-operatur tad-depożitu mħallas mill-impriżi tal-*catering* lill-predeċessur tagħhom fil-katina tal-provvista.

Negozjar ta' kontenituri li jintużaw darba biss.

**17.** (1) Il-kontenituri li jintużaw darba biss għandu jkollhom *barcode* speċifiku għas-suq jew marki speċifiċi tas-suq jew *barcode* mhux speċifiku għas-suq u marki mhux speċifiċi għas-suq, jekk ikun hemm. L-operatur liċenzjat għandu jitlob lill-produtturi li jagħżlu li jużaw *barcodes* mhux speċifiċi għas-suq mingħajr sinjali speċifiċi għas-suq, dritt amministrattiv addizzjonali għal kull kontenitur li jintuża darba biss imqiegħed fis-suq.

(2) Il-produtturi li jqiegħdu, jew li jkollhom il-ħsieb li jqiegħdu, kontenituri li jintużaw darba biss fis-suq għandu jkollhom l-għażla li jittimbraw jew iwaħħlu logo ta' depożitu fuq il-kontenituri li jintużaw darba biss. Il-logo tad-depożitu għandu jiġi żviluppat mill-operatur, approvat mill-Aġenzija, u l-użu tiegħu għandu jkun liċenzjat lill-produtturi.

(3) Il-produtturi li huma debitament reġistrati mal-operatur skont ir-regolament 13 biss jistgħu jittimbraw jew iwaħħlu l-logo tad-depożitu fuq l-imballaġġ tax-xarbiet tagħhom.

(4) Kull produttur li jikser is-subregolamenti (1) u (3) għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Postijiet ta' skambju u RVMs.

**18.** (1) Kull stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut għandu jkollu sistema fis-seħħ għar-ritorn mill-konsumaturi ta' kontenituri li jintużaw darba biss u, soġġett għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) tar-regolament 16, għandu jkun obbligat li jaċċetta l-imsemmija kontenituri li jintużaw darba biss u li jirrifondi d-depożitu relattiv anki jekk ix-xarba relattiva ma tkunx ġiet mibjugħa minn dak l-istabbiliment tal-bejgħ bl-imnut:

Iżda fejn bejjiegħ bl-imnut jopera sistema manwali għar-ritorn ta' kontenituri tax-xorb, il-bejjiegħ bl-imnut ma għandux ikun obbligat li jaċċetta r-ritorn ta' kontenituri tax-xorb fejn il-*barcode* indikat fuq il-kontenitur tax-xorb ma tkunx l-istess bħall-*barcode* ta' xarbiet mibjugħa minn dak il-bejjiegħ bl-imnut;

Iżda wkoll, l-operatur liċenzjat jista', fejn iqis xieraq, jistabbilixxi post ta' skambju li jintuża minn aktar minn stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut wieħed, f'liema każ il-bejjiegħ bl-imnut ma għandux ikun obbligat li jkollu post ta' skambju fil-fond tiegħu jew sistema manwali għar-ritorn ta' kontenituri li jintużaw darba biss;

Iżda wkoll, l-impriżi tal-*catering* għandhom ikunu obbligati li jiġbru kontenituri li jintużaw darba biss kkunsmati fl-istabbilimenti tal-*catering*.

(2) L-operatur liċenzjat għandu jiddeċiedi, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, liema sistema għar-ritorn ta' kontenituri li jintużaw darba biss għandha tintuża minn kull stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut u jekk għandhiex tiġi pprovduta RVM lil stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut.

(3) Il-bejjiegħa bl-imnut għandhom jitħallsu drittijiet għat-twettiq mill-operatur liċenzjat, kif stabbilit mill-operatur liċenzjat fuq bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li jqisu t-tip ta' sistema użata għar-ritorn ta' kontenituri tax-xorb, żviluppata minn persuna indipendenti approvata mill-Aġenzija. Il-bejjiegħa bl-imnut ma għandux ikollhom talba għal xi dritt għat-twettiq jew drittijiet simili biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dawn ir-regolamenti, ħlief għad-drittijiet dovuti lilhom kif imsemmi qabel.

(4) Il-bejjiegħa bl-imnut li joperaw sistema manwali għar-ritorn ta' kontenituri tax-xorb ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw ir-ritorn ta' kontenituri tax-xorb mill-konsumaturi jew minn persuni oħra li jaqbżu l-ħamsin (50) kontenitur tax-xorb fl-istess ħin.

(5) Kull persuna responsabbli għal avvenimenti bħal *festivals*, kunċerti, swieq, fieri, avvenimenti sportivi, u kull avveniment ieħor li fih se jinbiegħu xarbiet f'kontenituri li jintużaw darba biss, għandu jkollhom sistema fis-seħħ għar-ritorn ta' kontenituri li jintużaw darba biss u għandhom jirreġistraw mal-operatur liċenzjat u jagħtu tali dettalji dwar l-avveniment kif jista' jkun meħtieġ mill-operatur liċenzjat, u l-operatur għandu jiddetermina l-aħjar metodu għall-ġbir ta' kontenituri vojta li jintużaw darba biss f'dak l-avveniment.

(6) L-operatur liċenzjat għandu jkun responsabbli biex jikseb kull liċenzja, awtorizzazzjoni jew permess meħtieġ għall-kollokament u l-operazzjoni ta' RVM.

(7) L-operatur liċenzjat għandu jagħmel l-arranġamenti għall-ġbir u l-kunsinna ta' kontenituri li jintużaw darba biss minn stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut u stabbilimenti tal-*catering* għall-*clearing centre*.

(8) Ebda persuna, għajr l-operatur liċenzjat, ma tista' tqiegħed RVMs fit-territorju għall-użu minn xi produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut, impriża tal-*catering* jew konsumatur li jipparteċipa fl-Iskema.

(9) Kull persuna li tkun qiegħda taġixxi bi ksur tas-subregolamenti (1), (2), (3), (5), (7) u (8) għandha tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

## TAQSIMA IV
## Kontenituri li Jistgħu Jerġgħu Jimtlew

Eżenzjoni mill-Iskema għal kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew.

**19.** (1) Produttur jista' jagħmel talba bil-miktub lill-Aġenzija sabiex kontenituri tax-xorb jiġu eżentati mill-Iskema.

(2) L-Aġenzija għandha tagħti l-eżenzjoni, u għandha toħroġ ċertifikat ta' eżenzjoni li jixhed dan, diment li:

(a) il-produttur jirreġistra mal-Aġenzija skont ir-regolament 20;

(b) l-Aġenzija hija sodisfatta li l-produttur għandu sistema xierqa fis-seħħ għall-ġbir u l-użu mill-ġdid tal-kontenituri tax-xorb ġewwa t-territorju, liema sistema tirrikjedi li l-konsumaturi jħallsu depożitu fir-rigward tal-kontenitur tax-xorb fil-mument tax-xiri u liema depożitu għandu jiġi rritornat lill-konsumaturi minn bejjiegħa bl-imnut u, jew impriżi tal-*catering* mar-ritorn tal-kontenitur tax-xorb mingħajr ebda spiża addizzjonali għall-konsumaturi, skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-produttur jintrabat li jissodisfa l-obbligi kollha

stabbiliti f'dawn ir-regolamenti fir-rigward ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew u dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Aġenzija meta tingħata l-eżenzjoni; u

(d) il-kontenitur tax-xorb għandu *barcode* speċifiku għas-suq jew *barcode* mhux speċifiku għas-suq skont ir-regolament 24.

Reġistrazzjoni mal-Aġenzija.

**20.** (1) Il-produtturi li jkunu qegħdin iqiegħdu, jew beħsiebhom iqiegħdu fis-suq, kwalunkwe xarba f'kontenitur li jista' jerġa' jimtela għandhom jirreġistraw mal-Aġenzija u għandhom jipprovdu lill-Aġenzija d-dettalji kollha li tista' teħtieġ għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti minn żmien għal żmien biex tikkwalifika għall-eżenzjoni meħtieġa mill-Iskema.

(2) Mar-reġistrazzjoni, il-produttur irid jipprovdi lill-Aġenzija b'informazzjoni suffiċjenti sabiex l-Aġenzija tiżgura li s-sistema fis-seħħ għall-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew in kwistjoni tkun adegwata sabiex tilħaq il-miri ta' riċiklaġġ ta' Malta.

(3) L-Aġenzija għandha titlob lill-produtturi li jqiegħdu, jew li beħsiebhom iqiegħdu, fis-suq kwalunkwe xarba f'kontenitur li jista' jerġa' jimtela, id-drittijiet tar-reġistrazzjoni applikabbli indikati fir-Raba' Skeda.

(4) Il-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jerġgħu jimtlew fis-suq, li jew ma jkunux għadhom jixtiequ joperaw is-sistema għall-kontenituri li jerġgħu jimtlew inkwistjoni, jew ma jkunux jixtiequ aktar li jerġgħu jużaw kontenituri tax-xorb, għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija dwar dan u għandhom jirreġistraw mal-operatur skont ir-regolament 13.

(5) Kull produttur li jqiegħed fis-suq xarbiet mibjugħa f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew li jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Depożitu għal kontenituri li jerġgħu jimtlew.

**21.** (1) Kull kontenitur li jista' jerġa' jimtela li jsir disponibbli fis-suq għandu jkun soġġett għall-ħlas tad-depożitu. Il-valur ta' depożitu ma għandux ikun soġġett għall-VAT u għandu jkun indikat b'mod separat mill-prezz fuq l-irċevuti u l-fatturi kollha f'kull stadju tal-katina tal-provvista.

(2) Produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq għandhom jimponu l-valur tad-depożitu fuq is-suċċessuri tagħhom fil-katina ta' provvista mal-bejgħ sussegwenti tax-xarba.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (5), (6), (7) u (8) tar-regolament 15 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew.

(4) Il-konsumaturi għandhom ikunu intitolati jitolbu lura l-valur tad-depożitu mħallas fuq ix-xiri ta' xarba f'kontenitur li jista' jerġa' jimtela mal-ġbir tal-kontenitur li jista' jerġa' jimtela mill-produttur li jkun qiegħed il-kontenitur li jista' jerġa' jimtela fis-suq skont kif l-imsemmi produttur jista' jiddeċiedi.

(5) Il-produtturi tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew għandhom jieħdu lura l-pussess tal-kontenitur li jista' jerġa' jimtela mal-ġbir tal-kontenitur li jista' jerġa' jimtela.

(6) Il-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq għandhom iżommu u joperaw kont separat għar-rifużjoni ta' depożiti li jirreġistra l-movimenti finanzjarji kollha tal-irċevuti u l-pagamenti tad-depożiti msemmija. Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) tar-regolament 10 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq.

(7) Il-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq għandhom jieħdu l-miżuri kollha li huma meħtieġa sabiex jinkisbu l-miri tal-ġbir stabbiliti fil-Ħames Skeda.

(8) Kull produttur li jqiegħed kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq li jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Skambju ta' informazzjoni bejn il-produtturi u l-Aġenzija rigward kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew..

**22.** (1) Il-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq għandhom jipprovdu lill-Aġenzija:

(a) il-volum aggregat ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew li tqiegħdu fis-suq bil-kwantità, u l-piż skont it-tipoloġija tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew;

(b) il-volum aggregat ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew li nġabru mis-suq skont il-kwantità u l-piż skont it-tipoloġija tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew;

(ċ) kull informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

Tali informazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Aġenzija fuq bażi trimestrali u fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn ħmistax (15)-il jum mit-tmiem ta' kull trimestru.

(2) Il-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq għandhom ukoll jipprovdu lill-Aġenzija b'informazzjoni fil-pussess tagħhom li tista' tkun meħtieġa għall-fini tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fir-regolament 36.

(3) Kull produttur li jqiegħed kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet tas-

subregolamenti (1) u (2) għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Verifika.

**23.** (1) L-Aġenzija għandu jkollha d-dritt li tawditja lill-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq u li tista', fi kwalunkwe ħin, tirrevoka l-eżenzjoni mogħtija skont ir-regolament 19 fejn tqis li s-sistema għall-ġbir u l-użu mill-ġdid tal-kontenituri tax-xorb tagħhom fit-territorju ma tkunx aktar xierqa jew fejn l-Aġenzija tiddetermina li l-produttur ikun kiser l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-regolamenti.

(2) L-Aġenzija tista' wkoll tirrevoka l-eżenzjoni mogħtija skont ir-regolament 19 meta s-sistema għall-ġbir u l-użu mill-ġdid tal-kontenituri tax-xorb ma tkunx tilħaq il-miri ta' ġbir mistennija.

(3) Fil-każ li l-Aġenzija tirrevoka l-eżenzjoni mogħtija skont is-subregolamenti (1) jew (2), il-kontenituri tax-xorb għandhom jitqiesu bħala kontenituri li jintużaw darba biss, u:

(a) il-produttur għandu jirrispetta l-obbligi imposti fuq il-produtturi ta' kontenituri li jintużaw darba biss fit-Taqsima III; u

(b) il-kontenituri tax-xorb għandhom ikunu soġġetti għar-regoli dwar il-kontenituri li jintużaw darba biss fit-Taqsima III:

Iżda kull mira imposta fuq l-imsemmi produttur mill-Aġenzija ma għandhiex tiġi trasferita fuq l-operatur, u kull penali imposta fuq l-imsemmi produttur għandha tibqa' dovuta mill-istess produttur:

Iżda wkoll, il-kontenituri tax-xorb għandhom jiġu kkunsidrati li jaqgħu fil-miri tal-operatur biss meta ssir reġistrazzjoni mill-produttur mal-operatur kif provdut fir-regolament 13.

Logo ta' depożitu għal kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew.

**24.** (1) Xorb f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew għandu jkollu *barcode* speċifiku għas-suq jew *barcode* mhux speċifiku għas-suq.

(2) Il-produtturi li jqiegħdu kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew fis-suq għandu jkollhom l-għażla li jittimbraw jew iwaħħlu fuq kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew il-logo ta' depożitu, li għandu jiġi żviluppat mill-produttur u approvat mill-Aġenzija.

(3) Il-produtturi li huma debitament reġistrati mal-Aġenzija skont ir-regolament 20 biss jistgħu jittimbraw jew iwaħħlu l-logo tar-rifużjoni tad-depożiti mal-kontenitur li jista' jerġa' jimtela.

(4) Kull produttur li jikser dan ir-regolament għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA V

Dispożizzjonijiet Applikabbli għall-Kontenituri tax-Xorb Kollha

**25.** (1) Bejjiegħa bl-imnut li joperaw postijiet ta' skambju u impriżi tal-*catering* għandhom jirċievu l-konteнituri tax-xorb vojta f'isem l-operatur liċenzjat jew il-produttur ta' xorb f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew, skont il-każ, sakemm il-kontenitur tax-xorb jinġabar mill-operatur jew il-produttur ta' xorb f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew. Ritorn ta' kontenituri tax-xorb.

(2) Kull bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* li jikser id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

**26.** (1) Fl-indikazzjoni tal-prezz tax-xorb, il-bejjiegħ bl-imnut għandu jindika l-ammont tad-depożitu li għandu jitħallas mill-konsumatur separatament, kif ukoll il-prezz totali għax-xarba. Fil-każ li x-xorb ikun offrut għall-bejgħ f'unitajiet singoli, l-indikazzjoni tal-prezz għandha tindika d-depożitu li jkun qed jitħallas għall-kontenitur tax-xorb, filwaqt li fil-każ ta' xorb li jkun qiegħed jiġi offrut għall-bejgħ f'pakketti multipli, l-indikazzjoni tal-prezz għandha tindika l-valur totali tad-depożitu li jkun qiegħed jitħallas għall-kontenituri tax-xorb kollha fil-pakkett multiplu. Avviżi mill-bejjiegħa bl-imnut.

(2) Bejjiegħ bl-imnut għandu juri avviż ċar u prominenti fl-istabbiliment tal-bejgħ tiegħu li hemm ħlas separat għad-depożitu u li l-konsumatur jista' jiskambja r-rifużjoni ta' depożitu hekk kif il-kontenitur tax-xorb jiġi debitament irritornat f'post ta' skambju. L-Aġenzija għandha tiddetermina l-ispeċifikazzjonijiet u l-kliem preċiż tal-avviż li għandu jintwera mill-bejjiegħa bl-imnut għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni.

(3) Bejjiegħ bl-imnut li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandu jinstab ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

**27.** Il-produtturi ma għandhomx ikunu obbligati jimponu depożitu fil-każ ta' xorb rilaxxat għall-esportazzjoni. Xorb għall-esportazzjoni.

**28.** Fejn l-operatur liċenzjat, jew xi produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* jeħtieġu konferma dwar jekk xarba jew kontenitur tax-xorb taqax fl-ambitu tal-Ewwel Skeda tar-regolamenti, l-operatur liċenzjat, il-produttur, id-distributur, il-bejjiegħ bl-imnut jew l-impriża tal-*catering* jistgħu jissottomettu l-kwistjoni lill-Aġenzija, li għandha tiddeċiedi l-kwistjoni fi żmien tletin (30) jum mis-sottomissjoni tagħha. L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-persuna li tressaq it-talba u lill-operatur bid-deċiżjoni tagħha. Kjarifiki mill-Aġenzija.

TAQSIMA VI
Infurzar u Penali

Projbizzjoni ġenerali.

**29.** Ebda persuna ma għandha tqiegħed fis-suq u, jew tagħmel disponibbli, xarbiet f'kontenituri tax-xorb fis-suq sakemm ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Kull persuna li tkun tikser dan ir-regolament għandha tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

Investigazzjonijiet.

**30.** (1) Għandu jkun id-dmir tal-Kap Eżekuttiv li jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jiġu osservati, u li jiġbor informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex hu jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu; u għal dan il-għan għandu jkollu s-setgħa li jagħmel investigazzjonijiet minn jeddu jew fuq talba tal-Ministru jew fuq allegazzjoni raġonevoli bil-miktub ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti minn persuna li tkun ippreżentat l-ilment jew mill-operatur liċenzjat.

(2) Fejn l-Aġenzija tirċievi lment mill-operatur liċenzjat skont is-subregolament (1), l-Aġenzija għandha tinforma lill-operatur liċenzjat fi żmien sebat (7) ijiem dwar jekk għandhiex il-ħsieb li taġixxi fuq l-ilment u l-passi li biħsiebha tieħu jew li diġà ħadet f'dan ir-rigward.

(3) Matul il-kors ta' kull investigazzjoni mwettqa mill-Aġenzija skont is-subregolament (1), jew sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn ir-regolamenti, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 12, 22 u 37 il-Kap Eżekuttiv għandu jkollu s-setgħa li jitlob kull informazzjoni u dokumentazzjoni speċifika minn kull persuna soġġetta għal dawn ir-regolamenti, fil-limiti taż-żmien li fih il-Kap Eżekuttiv ikun jista' jikkunsidra raġonevoli fiċ-ċirkostanzi:

Iżda xejn f'dan is-subregolament ma għandu jinftiehem illi jawtorizza lill-Kap Eżekuttiv sabiex jordna l-produzzjoni ta' xi dokument jew li tiġi żvelata xi informazzjoni li tista' tkun soġġetta għad-dmir tas-segretezza professjonali.

(4) Meta tintbagħat talba għal informazzjoni skont is-subregolament (3), il-Kap Eżekuttiv għandu jindika l-bażi legali u l-għan ta' dik it-talba, għandu jindika liema informazzjoni hija meħtieġa, u għandu jindika l-multi provduti fis-subregolamenti (2), (3) u (4) tar-regolament 31.

(5) Meta persuni jissottomettu informazzjoni li jkun fiha sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra, huma għandhom jidentifikaw b'mod ċar kull materjal li huma jqisu bħala kunfidenzjali, u jagħtu r-raġunijiet għal dan, u jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali separata, fejn applikabbli, sad-data stabbilita mill-Kap Eżekuttiv.

(6) Il-Kap Eżekuttiv u, jew l-uffiċjali tiegħu u, jew kull espert ieħor debitament awtorizzat b'mandat maħruġ minn Maġistrat, jistgħu, bl-assistenza tal-Pulizija Eżekuttiva u għall-finijiet li jiżguraw konformità ma' dawn ir-regolamenti, u, jew għall-fini ta' kull investigazzjoni taħt is-subregolament (1), jidħlu u jagħmlu tfitxija f'kull fond, art jew mezz ta' trasport fejn il-Kap Eżekuttiv għandu raġuni biex jemmen li tista' tinstab informazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni u waqt kull tfittxija bħal dik, il-Kap Eżekuttiv u, jew l-uffiċjali tiegħu, u, jew kull espert ieħor, għandu jkollhom is-setgħa li:

(a) jispezzjonaw u jeżaminaw kull oġġett jew dokument; u, jew

(b) jaqbdu u jikkonfiskaw kull oġġett jew dokument, jew jieħdu estratti jew kopji ta' dokumenti; u, jew

(ċ) jirrikjedu li kull informazzjoni li hija maħżuna f'kompjuter jew fi kwalunkwe oġġett jew apparat ieħor li huwa aċċessibbli mill-fond, art jew mezz ta' trasport u li l-Kap Eżekuttiv u, jew l-uffiċjali tiegħu, u, jew esperti oħra jqisu rilevanti għall-investigazzjoni, jiġi mogħti lilhom f'għamla li tista' tinġarr u li tkun tidher u tinqara; u, jew

(d) jordnaw li oġġetti jew dokumenti ma jiġux imneħħija minn dak il-fond, art jew mezz ta' trasport; u, jew

(e) jagħlqu u jissiġillaw xi parti jew il-partijiet kollha ta' dak il-fond, art jew mezz ta' trasport, jew jissiġġillaw xi oġġett; u, jew

(f) jistaqsu lil kull rappreżentant jew membru tal-persunal tal-persuna kkonċernata għal spjegazzjoni ta' kwalunkwe fatt jew dokument relatat mas-suġġett u l-iskop tal-ispezzjoni jew biex jiddikjaraw skont l-aħjar għarfien u twemmin tagħhom fejn jistgħu jinstabu dawk id-dokumenti u jirreġistraw it-tweġibiet; u, jew

(g) jieħdu kull pass li jidher neċessarju sabiex jikkonservaw kull oġġett jew dokument jew sabiex jipprevjenu kwalunkwe interferenza ma' dak l-oġġett jew dokument.

(7) Il-Maġistrat, meta jiddeċiedi jekk joħroġx mandat skont is-subregolament (6) għandu jiżgura li l-miżuri koersivi maħsuba la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi, b'kont meħud, b'mod partikolari, għall-gravità tas-suspettat ksur, għall-importanza tal-evidenza mfittxija, għall-involviment tal-persuna kkonċernata u għall-probabbiltà raġonevoli li xi oġġett, dokument jew rekord relatat mas-suġġett tal-ispezzjoni jinżamm fil-fond, art jew mezz ta' trasport li għalih jintalab il-mandat:

Iżda il-Maġistrat, meta jiddeċiedi jekk għandux joħroġ mandat skont is-subregolament (6), jista' jqis ukoll il-possibbiltà li fil-

każ li jkun il-Kap Eżekuttiv li jkun qiegħed jitlob dawk l-oġġetti, id-dokumenti jew ir-rekords, dawn ma jiġux prodotti, iżda minflok jiġu moħbija, imneħħija, imbagħbsa jew meqruda.

(8) Il-mandat imsemmi fis-subregolament (6) għandu jispeċifika s-suġġett, l-għan tal-ispezzjoni, id-data li fiha għandha tibda l-ispezzjoni u n-natura tar-reat u l-pieni provduti fir-regolament 31.

Reati.

**31.** (1) Kull persuna li ma timxix mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 13, 14, 15, 18(1), 20, 21, 25, 29, 38, 39 u 40 tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000), jew priġunerija għal terminu li ma jaqbiżx is-sitt (6) xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni kif meħtieġ taħt dawn ir-regolamenti, li hija falza, qarrieqa jew inkorretta, f'xi aspett materjali, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u mhux aktar minn għoxrin elf euro (€20,000), jew priġunerija għal terminu li ma jaqbiżx tliet (3) xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Kull persuna li tirrifjuta jew tonqos, mingħajr raġuni valida, li tipprovdi xi informazzjoni jew dokumentazzjoni meħtieġa mill-Aġenzija skont is-subregolament (3) tar-regolament 30, jew li, wara talba għal informazzjoni skont is-subregolament (3) tar-regolament 30, xjentement tipprovdi, informazzjoni falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett materjali, jew tirrifjuta li tagħti aċċess lill-Kap Eżekuttiv, u, jew l-uffiċjali tiegħu, u, jew kwalunkwe espert ieħor skont is-subregolament (6) tar-regolament 30, tkun ħatja ta' reat, u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn elf u ħames mitt euro (€1,500), jew priġunerija għal terminu ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Kull persuna ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti, ħlief għal ksur ta' obbligu msemmi fis-subregolamenti (1), (2), jew (3) jew tar-regolament 9, għandha teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) u mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500):

Iżda jekk l-operatur liċenzjat ma jilħaqx il-miri speċifikati fir-regolament 9, dan in-nuqqas ikun soġġett għal kontribuzzjoni ambjentali kif speċifikat fil-ftehim ta' liċenzjar, liema kontribuzzjoni ambjentali ma tistax taqbeż il-mitejn elf euro (€200,000).

(5) Il-qorti, minbarra li tagħti l-piena msemmija fil-paragrafi preċedenti, tista' tordna lil ħati jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt dawn ir-regolamenti fi żmien li jkun suffiċjenti għal dan, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza,

kif jiġi stabbilit mill-qorti, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att, jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ma' dik l-ordni fiż-żmien kif stabbilit, huwa jeħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux aktar minn mitt euro (€100), kif il-qorti tista' tistabbilixxi, għal kull jum ta' nuqqas wara li jiskadi ż-żmien imsemmi u l-qorti tista' wkoll tordna l-modifika, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni.

(6) B'żieda ma' kull piena li persuna li tinstab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti tista' tingħata b'sentenza, il-qorti tista' tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti danneġġjata kull proprjetà jew rikavati li hu jkun akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi għad-dannu ta' dik il-parti jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni kawżati lil dik il-parti minn jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dik tista' tinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni, u fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: Kap. 12.

Iżda r-restituzzjoni jew il-kumpens skont dan is-subregolament ma għandux iwassal għal kumpens żejjed tal-parti danneġġjata, kemm jekk permezz ta' danni punittivi, multipli jew tipi oħra ta' danni.

(7) Meta toħroġ ordni taħt is-subregolament (6), il-qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment billi tqis kull obbligu ieħor li l-ħati għandu lejn il-parti danneġġjata.

**32.** (1) Fi proċedimenti kriminali mibdija mill-Pulizija Eżekuttiva quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għal reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Kap Eżekuttiv u kull uffiċjal tal-Aġenzija hekk awtorizzat mill-Kap Eżekuttiv jistgħu jassistu lill-Pulizija Eżekuttiva fit-twettiq tal-prosekuzzjoni u fil-produzzjoni tal-evidenza. Il-Kap Eżekuttiv jista' jassisti l-prosekuzzjoni.

(2) Il-Kap Eżekuttiv u kull uffiċjal tal-Aġenzija hekk awtorizzat mill-Kap Eżekuttiv jista', wara l-konklużjoni tal-investigazzjoni skont dawn ir-regolamenti, jippreżenta rapport lill-Pulizija Eżekuttiva u jitlob lill-Pulizija Eżekuttiva biex tieħu azzjoni dwar il-ksur ta' dawn ir-regolamenti li jinsabu fih, u wara l-Aġenzija għandha titqies bħala kwerelant għall-finijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(3) Il-Kap Eżekuttiv jew kull uffiċjal awtorizzat minnu għall-finijiet tas-subregolamenti (1) jew (2) jista' madankollu jiġi prodott bħala xhud iżda jekk ix-xhieda tiegħu tkun meħtieġa bħala parti mill-każ tal-prosekuzzjoni, ix-xhieda tiegħu għandha tinstema' qabel dik ta' kull xhud ieħor tal-prosekuzzjoni sakemm il-ħtieġa tax-xhieda tiegħu ma tinħassx wara.

Preżenza tal-operatur liċenzjat waqt proċeduri kriminali.

**33.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew għal kwalunkwe liġi oħra, l-operatur liċenzjat jista' jagħmel kwerela lill-Pulizija Eżekuttiva kontra produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* għall-ksur ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-Iskema, u, meta jippreżenta l-ilment imsemmi, l-operatur liċenzjat għandu jitqies bħala kwerelant għall-finijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(2) Fil-każijiet li fihom il-Pulizija Eżekuttiva taġixxi fuq kwerela tal-operatur liċenzjat kontra produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-Iskema, l-operatur liċenzjat jista' jkun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, jista' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali, jista' jagħmel eżami jew kontro-eżami lix-xhieda u jġib, biex isaħħaħ l-akkuża kull prova oħra li l-qorti jkun jidhrilha li tista' tinġieb skont il-liġi.

(3) Fejn l-operatur għandu jinstema' taħt ġurament, dik ix-xhieda għandha tittieħed qabel dik tax-xhieda l-oħra tal-prosekuzzjoni, barra minn meta, fil-fehma tal-qorti, jinħass il-bżonn wara, f'xi waqt ieħor tal-kawża, jew fejn il-produttur, id-distributur, il-bejjiegħ bl-imnut jew l-impriża tal-*catering* jitolbu dik xhieda f'kull waqt li jkun tal-kawża, jew fejn il-qorti jidhrilha li huwa sewwa li tbiddel l-ordni tal-provi.

(4) Fil-każijiet ta' proċeduri kriminali magħmula mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio* jew fuq istanza tal-Aġenzija kontra produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-Iskema, il-Pulizija u l-parti offiża jistgħu jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali, illi jista' jagħmel eżami u kontro-eżami lix-xhieda, iġib provi u jagħmel, sabiex isaħħaħ l-akkuża, kull osservazzjoni oħra li l-qorti jidhrilha li tista' ssir skont il-liġi.

Preskrizzjoni. Kap. 9.

**34.** Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kwalunkwe liġi oħra, proċeduri kriminali għal reati taħt dawn ir-regolamenti jiġu preskritti wara ħames (5) snin.

Azzjoni ċivili mill-operatur liċenzjat.

**35.** (1) Fejn l-operatur liċenzjat ikun sofra dannu kawżat minn produttur, distributur, bejjiegħ bl-imnut jew impriża tal-*catering* li taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti l-operatur għandu jkun intitolat jitlob u jikseb kumpens sħiħ għal dak id-dannu mingħand il-produttur, id-distributur, il-bejjiegħ bl-imnut jew l-impriża tal-*catering* rispettiva, liema azzjoni għandha titressaq skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Kumpens sħiħ għandu jqiegħed lill-operatur fil-pożizzjoni li kien ikun fiha li kieku ma jkunx seħħ il-ksur ta' dawn ir-regolamenti. Għaldaqstant għandu jkopri d-dritt għal kumpens għat-telf attwali u għat-telf ta' qligħ flimkien mal-ħlas tal-imgħax miż-żmien li fih ġie kkawżat id-dannu sakemm is-somma kapitali mogħtija

tiġi attwalment imħallsa:

Iżda l-kumpens sħiħ taħt dawn ir-regolamenti ma għandu fl-ebda każ iwassal għal kumpens żejjed lill-operatur fejn il-qorti ordnat lill-ħati biex jagħmel restituzzjoni jew kumpens skont is-subregolament (6) tar-regolament 31.

(3) Ksur ta' dawn ir-regolamenti misjub b'deċiżjoni finali tal-qorti kompetenti għandu jitqies li hu stabbilit b'mod inkontestabbli għall-finijiet ta' azzjoni għad-danni mressqa skont dan ir-regolament.

(4) Azzjoni għad-danni skont dan ir-regolament hija preskritta bl-għeluq ta' ħames (5) snin. Il-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data li fih ikun waqaf il-ksur ta' dawn ir-regolamenti, u l-operatur ikun jaf, jew jista' jkun raġonevolment mistenni li jkun jaf:

(a) bl-imġiba in kwistjoni;

(b) bil-fatt li l-ksur ta' dawn ir-regolamenti kkawżalu d-danni; u

(ċ) l-identità tal-ħati.

(5) Il-perjodu ta' preskrizzjoni fis-subregolament (4) għandu jiġi sospiż meta l-Aġenzija tieħu azzjoni għall-fini li tinvestiga l-ksur ta' dawn ir-regolamenti li magħhom hija marbuta l-azzjoni għad-danni jew fejn hemm proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-ksur ta' dawn ir-regolamenti li magħhom hija marbuta l-azzjoni għad-danni.

TAQSIMA VII
Dispożizzjonijiet Varji

Rapport mill-Aġenzija.

**36.** (1) L-Aġenzija għandha tippreżenta rapport annwali lill-Ministru li għandu jinkludi d-dettalji li jinsabu fis-subregolament (2) sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju ta' kull sena, u liema rapport għandu jsir pubbliku mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju tal-istess sena.

(2) Ir-rapport imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkun rapport dwar is-suġġett kopert b'dawn ir-regolamenti matul is-sena kalendarja ta' qabel li għandu jinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-għadd ta' produtturi, bejjiegħa bl-imnut u impriżi tal-*catering* li jipparteċipaw fl-Iskema skont regolament 13 u l-kwantità u l-piż aggregat skont it-tipoloġija ta' kontenituri li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq matul is-sena kalendarja rilevanti;

(b) in-numru skont it-tipoloġija ta' kontenituri li jintużaw darba biss li jkunu ġew miġbura u l-piż aggregat skont

it-tipoloġija ta' kontenituri li jintużaw darba biss li jkunu ġew riċiklati skont dawn ir-regolamenti matul is-sena kalendarja rilevanti bħala perċentwal ta' kontenituri li jintużaw darba biss li jkunu tqiegħdu fis-suq;

(ċ) in-numru u l-lok ta' RVMs u l-kwantità aggregata ta' kontenituri tax-xorb skont it-tipoloġija miġbura minn RVMs fit-territorju;

(d) jekk u fejn applikabbli, in-numru skont it-tipoloġija ta' kontenituri li jintużaw darba biss li nġabru manwalment;

(e) in-numru ta' produtturi eżentati mill-Iskema skont regolament 19, u l-kwantità skont it-tipoloġija ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew li jitqiegħdu fis-suq minn dawn il-produtturi u l-kwantità skont it-tipoloġija ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew li jinġabru għall-użu mill-ġdid minn dawn il-produtturi;

(f) in-numru u n-natura tal-ilmenti rċevuti mill-Aġenzija fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti u l-Iskema;

(g) in-numru ta' reati, kemm ta' dawn ir-regolamenti kif ukoll tar-rekwiżiti tal-Iskema, investigati mill-Aġenzija u l-għadd u n-natura ta' deċiżjonijiet, ordnijiet u miżuri meħuda mill-Aġenzija, kull qorti jew tribunal jew kull awtorità kompetenti b'rabta ma' dan;

(h) il-pożizzjoni finanzjarja tal-Iskema u tal-kont għar-rifużjoni ta' depożiti tal-operatur fl-aħħar tas-sena kalendarja rilevanti;

(i) il-pożizzjoni finanzjarja ta' kwalunkwe sistema għal kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew li joperaw fit-territorju u l-pożizzjoni tal-kontijiet għar-rifużjoni tad-depożiti rispettivi tagħhom fl-aħħar tas-sena kalendarja rilevanti; u

(j) kwalunkwe kwistjoni oħra kif jista' jkun mitlub mill-Ministru.

Skambju ta' informazzjoni bejn l-Awtorità u l-Aġenzija.

**37.** Sabiex l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tikkondividi u tiskambja informazzjoni mal-Aġenzija, u l-Aġenzija u l-Awtorità għandhom jikkollaboraw ma' xulxin:

Iżda l-Aġenzija għandha tirrapporta dwar l-eżekuzzjoni tal-Iskema lill-Awtorità b'mod li jippermetti lill-Awtorità twettaq l-obbligi tagħha ta' rappurtar skont il-liġi applikabbli.

TAQSIMA VIII
Mixxelanji

**38.** Il-produtturi li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament 13, diġà qiegħdu jew qegħdin iqiegħdu fis-suq kontenituri tax-xorb, għandhom jirreġistraw mal-operatur liċenzjat, u għandhom jirreġistraw il-*barcodes* rilevanti u kwalunkwe marka speċifika tal-kontenitur tax-xorb kif ukoll jindikaw jekk għandhomx l-intenzjoni li jwaħħlu l-logo tad-depożitu fuq il-kontenitur tax-xorb, skont ir-regolament 13, sa mhux aktar tard minn ħames (5) xhur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. Il-produtturi għandhom jipprovdu wkoll lill-operatur liċenzjat bl-informazzjoni indikata fir-regolament 14(2)(a), hekk kif l-operatur jista' jidderieġi, mid-data tar-reġistrazzjoni kif imsemmi qabel.

Produtturi ta' kontenituri li jintużaw darba biss.

**39.** Id-distributuri, u, jew bejjiegħa bl-imnut, u, jew impriżi tal-*catering* li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament 13, diġà jkunu għamlu disponibbli jew qegħdin jagħmlu disponibbli fis-suq kontenituri tax-xorb, għandhom jirreġistraw mal-operatur liċenzjat u għandhom jirreġistraw il-*barcodes* rilevanti, skont ir-regolament 13, sa mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament 13.

Distributuri, bejjiegħa bl-imnut u impriżi tal-*catering* ta' kontenituri li jintużaw darba biss.

**40.** Il-produtturi li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament 20, diġà qiegħdu jew qegħdin iqiegħdu fis-suq kwalunkwe xarba f'kontenitur li jista' jerġa' jimtela, għandhom jirreġistraw mal-Aġenzija skont ir-regolament 20 sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament 20.

Produtturi ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew.

**41.** Il-Ministru għandu jippubblika d-data maħsuba għad-dħul fis-seħħ tar-regolament 13 fil-Gazzetta u mill-inqas f'żewġ (2) gazzetti ta' kuljum mhux inqas minn sitt (6) xhur qabel id-data msemmija.

Pubblikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament 13.

**42.** Il-Ministru għandu jippubblika d-data maħsuba tad-dħul fis-seħħ tar-regolament 20 fil-Gazzetta u mill-inqas f'żewġ (2) gazzetti ta' kuljum mhux inqas minn erba' (4) xhur qabel id-data msemmija.

Pubblikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament 20.

**43.** Il-Kap Eżekuttiv jista' jiddelega kull setgħa mogħtija lilu minn dawn ir-regolamenti lil kull uffiċjal jew impjegat tal-Aġenzija.

Il-Kap Eżekuttiv jista' jiddelega s-setgħat.

**44.** F'każ ta' kunflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti f'dawn ir-regolamenti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

Kunflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti.

---

L-Ewwel Skeda

Xarbiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti

(Regolament 2)

(a) ilma u *flavoured water*;

(b) *non-carbonated soft drinks*;

(ċ) *carbonated soft drinks*;

(d) *cider*, birer u xorb ieħor tax-xgħir;

(e) kafè lest biex jiġi kkonsmat;

(f) xarbiet alkoħoliċi aromatizzati li jkollhom livell ta' kontenut alkoħoliku li ma jaqbiżx il 5%;

(g) *dilutables*.

---

It-Tieni Skeda

Speċifikazzjonijiet tal-kontenitur tax-xorb

(Regolament 2)

Il-kontenituri tax-xorb għandhom ikunu:

(a) magħmula minn:

(i) azzar, jew

(ii) aluminju, jew

(iii) ħġieġ, jew

(iv) polietilentereftalat (PET); u

(b) fliexken jew bottijiet; u

(ċ) b'kapaċità ta' bejn 0.1 litru u 3 litru:

Iżda l-kaxxi tal-kartun, il-boroż tal-fojl u l-polietilen ta' densità għolja (HDPE), u l-materjali komposti jiġu esklużi b'mod espliċitu.

---

It-Tielet Skeda

Valur Minimu ta' Depożitu

(Regolament 2)

Il-kontenituri tax-xorb kollha għandhom ikunu soġġetti għal depożitu ta' valur ta' mill-inqas għaxar ċenteżmi tal-euro (€0.10).

---

Ir-Raba' Skeda

Drittijiet ta' reġistrazzjoni

(Regolament 20)

Il-produtturi għandhom ikunu soġġetti għal drittijiet ta' reġistrazzjoni għal kull tip ta' xarba li tkun maħsuba biex titqiegħed fuq is-suq b'mod individwali u skont il-prodott, il-materjal tal-kontenitur tax-xorb, it-tipoloġija tad-disinn jew tad-daqs. Dan id-dritt ta' reġistrazzjoni għandu jkun dritt ta' darba ta' mitt euro (€ 100) għal kull tipoloġija unika rreġistrata.

---

Il-Ħames Skeda

*Sostitwita: A.L. 235 tal-2022.*

Miri tal-Ġbir

*Operatur*

(i) Fluss Materjali I: kontenituri tax-xorb magħmula mill-metall –

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 - tmenin fil-mija (80%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 - ħamsa u tmenin fil-mija (85%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja sussegwenti - disgħin fil-mija (90%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

(ii) Fluss Materjali II: kontenituri tax-xorb magħmulin mill-plastik li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss kif imfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss –

L.S. 549.149.

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 - tmenin fil-mija (80%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 - ħamsa u tmenin fil-mija (85%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja sussegwenti - disgħin fil-mija (90%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

(iii) Fluss Materjali III: kontenituri tax-xorb magħmula mill-ħġieġ –

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 - tmenin fil-mija (80%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 - ħamsa u tmenin fil-mija (85%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja sussegwenti - disgħin fil-mija (90%) bħala piż tal-kontenituri li jintużaw darba biss reġistrati mill-Iskema bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

*Produtturi ta' kontenituri tax-xorb li jistgħu jerġgħu jimtlew*

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 - sebgħin fil-mija (70%) bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 - tmenin fil-mija (80%) bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 - ħamsa u tmenin fil-mija (85%) bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.

1 ta' Jannar 2026 sat-31 ta' Diċembru 2026 u għal kull sena kalendarja sussegwenti – disgħin fil-mija (90%) bħala piż tal-kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew irreġistrati mill-produttur bħala li tqiegħdu fis-suq matul l-istess perjodu.